**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**

**Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr Joanne Vella Cuschieri B.A., Mag. Jur. (Eur. Law.) LL.D.**

**Illum il-Gimgha, 1 ta' Gunju 2018**

**Kawza numru 54/2016 (JVC)**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Edel Mary Camilleri)**

**-vs-**

**Florence Garzia ta' 38 sena bint Joseph u Rita nee' Muscat imwielda Rabat, Ghawdex fit-23 ta' Lulju 1978 u residenti fi 27 Villa Eppi Triq ta' Cini, Qala, Ghawdex. (Karta ta' l-Identita' bin-numru 17878G)**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputata talli fis-26 ta' Mejju 2016 f'Ghawdex:

1. Ghamlet falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holqot pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhlet dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawk

l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, inkella billi ziedet jew biddlet klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw. U dan bi ksur tal-artikolu 183 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Kif ukoll talli xjentement ghamlet uzu minn att, kitba jew skrittura falza, u dan bi ksur tal-artikolu 184 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. Kif ukoll talli ghamlet falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamlet uzu minn xi dokument iehor falsifikat, u dan bi ksur tal-artikolu 189 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

4. Kif ukoll taht l-istess cirkostanzi, ghamlet ingurji jew theddid mhux imsemmija band'ohra fil-Kodici Kriminali jew, jekk kienet ipprovokata, ingurjata b'mod li harget barra mil-limiti tal-provokazzjoni. U dan bi ksur tal-artikolu 339(1)(e) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

5. Kif ukoll talli taht l-istess cirkostanzi, bl-imgieba taghha kkagunat lil Frances Mizzi, Noel Mizzi u ohrajn bizgha li ser tintuza vjolenza kontrihom jew kontra l-proprjeta' taghhom jew kontra l-persuna jew il-proprjeta' ta' xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti ahwa subien u bniet. U dan bi ksur tal-artikolu 251B(1).

6. Kif ukoll talli taht l-istess cirkostanzi, ma obdietx l-ordnijiet legittimi moghtija lilha minn persuna nkarigata minn servizz pubbliku jew ma hallietx jew fixklet waqt li ghamel dmirijiet tieghu jew b'xi mod iehor bla jedd indahlet fi dmirijietu jew billi gabet fix-xejn jew hassret dak li haddiehor ghamel b'ligi. U dan bi ksur tal-artiklu 338 (ee) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija gentilment mitluba illi f'kaz ta' htija, minbarra l-piena applikabbli, tapplika l-artiklu 383 u/jew 412 (c) ghall-harsien u protezzjoni tal-persuna/i vittma/i f'dan il-kaz.

Rat li l-imputata wiegbet mhux hatja ghall-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront taghha.

Rat li Frances Mizzi giet ammessa bhala parte civile fl-atti permezz ta' digriet fil-verbal tas-27 ta' Gunju, 2017;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bil-procedura sommarja a fol. 20 tal-process;

Rat il-fedina penali tal-imputata (fol. 22);

Semghet ix-xhieda tal-prosekuzzjoni l-ispettur Edel Mary Camilleri, Maureen Xuereb in rapprezentanza tar-Registratur tal-Qrati, is-Surgent Sean Tabone, Luke Camilleri, is-Surpretendent Antonello Grech, il-parte civile Frances Mizzi u Doris Scerri;

Rat li fil-verbal tas-27 ta' Gunju, 2017 innominat lill-espert kaligrafiku Joseph Mallia fejn huwa gie nnominat sabiex isiru ezamijiet forensici fuq dokument EMC 1 (fol. 44A) fuq il-firma ta' Anthony Bugeja fil-kaxxa ntitolata "senders signature", ukoll il-kliem ANTHONY BUGEJA fil-kaxxa ntitolata "name in blocks", biex jigu kkomparati mal-firma li hemm ta' Florence Garzia fuq l-istess dokument fil-kaxxa ntitolata "consignment received in good order and condition" u mal-isem Florence Garzia taht l-istess firma allegatament ta' Florence Garzia fil-kaxxa ntitolata "name in blocks" u dan bl-ghan sabiex jigi verifikat jekk dawn inkitbux mill-istess persuna jew minn diversi persuni. Rat ukoll id-digriet taghha tat-30 ta' Gunju, 2017 fejn l-istess espert s-Sur Joseph Mallia gie nominat sabiex jezamina l-kalligrafija fid-dokument EMC 1 esebit a fol. 44A tal-process kif ukoll l-kaligrafija fuq l-envelope abjad esebit bhala dokument EMC 2 a fol. 45 billi l-istess kalligrafija tigi mqabbla ma' dik indikata fil-verbal fid-dokument EMC 2 u jigi verifikat jekk dawk inkitbux mill-istess persuna jew minn diversi persuni.

Rat ir-relazzjoni tal-espert tekniku esebita a fol. 82 tal-process konfermata minnu bil-gurament waqt ix-xhieda tieghu viva voce;

Rat illi fil-verbal tal-21 ta' Frar, 2018 Dr. Amadeus Cachia ghan-nom ta' l-imputata Florence Garzia iddikjara li l-imputata ma kinitx ser tixhed.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet nhar l-4 ta' Mejju, 2018 liema trattazzjoni giet ukoll traskritta fl-atti.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet addizzjonali ta' Florence Garzia datat 18 ta' Mejju, 2018 wara li din giet prezentata fl-atti bil-visto tal-partijiet l-ohra fil-kawza.

**Ikkunsidrat**

Illi l-prosekuzzjoni permezz tal-akkuzi odjerni qed taghmel referenza ghall-incident li sehh nhar is-26 ta' Mejju, 2016. Il-prosekuzzjoni permezz tax-xhieda tal-Ispettur Edel Mary Camilleri a fol. 25 et seq u fol. 97 tal-process ssostni li dakinhar filghodu bejn l-imputata Florence Garzia u l-parte civili Frances Mizzi kien hemm smiegh ta' proceduri kriminali quddiem il-Magistrat Dr. Joe Mifsud. Ix-xhud rapprezentant tar-Registratur tal-Qorti s-Sinjorina Maureen Xuereb esebit a fol. 49 sa 52 tal-process esebit kopja tal-imputazzjoni migjuba quddiem dik il-Qorti u tal-verbal relattivi fejn gie dikjarat illi 'il-partijiet qed jahfru lil xulxin ghal dak li gara u qed jobbligaw ruhhom li bl-ebda mod ma jdejqu jew jimmolestaw lil xulxin'.

Illi skont ix-xhieda tal-istess Spettur Edel Mary Camilleri dakinhar waqt il-hin tas-smiegh quddiem il-Magistrat Dr. Joseph Mifsud u fil-prezenza tal-parte civile Frances Mizzi l-imputata odjerna Florence Garzia insitiet sabiex tesebixxi fl-atti speci ta' ktieb li hi bdiet tinsisti li fih il-messaggi li bghat ir-ragel ta' Frances Mizzi permezz tal-mobajl lill-imputata. Skond l-istess Spettur stante l-obbligazzjoni fl-atti bejn il-partijiet, il-Qorti m' accettatx li dan jigi esebit u l-imputata odjerna telqet mill-qorti bil-ktieb in kwistjoni f'idejha.

Illi wara nofsinhar fl-istess gurnata l-pulizija rceviet telefonata minghand il-parte civile u dan jixhdu ahjar is-Surgent Sean Tabone a fol. 53 et seq tal-process. Skont ir-rapport esebit minnu stess a fol. 71 et seq tal-process gie rapurtat kif isegwi:

'Frances Mizzi called at Victoria police station reporting that a delivery man who works for the 'Gozo espress delivery services' stopped in front of her house and presented an enevelope which has been sent by Florence Garzia who stayed in her BMW car nearby.
Mizzi confirmed that she is afraid that the package could contain an object which can harm her and she immediately refused to take it.
At one point Mizzi added that then she saw Garzia approaching the delivery man and she took the envelope and when the delivery man left she threw the envelope to Mizzi's house.

It is to be pointed out that earlier in the morning Frances Mizzi and Florence Garzia had a court case which both settled the matter in front of the Magistrate and both obliged themselves not to seek each other and not to talk to each other and to leave both in peace.
The Divisional Police went to the Gozo espress delivery services where a copy of the delivery note was made. From preliminary investigations made resulted that Florence Garzia ordered the delivery just after 13:00HRS and met the delivery man at Qala Square. After she handed to him the package she signed under the name of Anthony Bugeja. After the package was refused then Garzia signed that she received the package back.
Duty inspector Edel Mary Camilleri was informed.
Later on at 4.30p.m. of the 26th May 2016 the undersigned spoke to the victim namely Frances Mizzi in the presence of her husband Noel Mizzi and her friend Doris Xerre where they reqested they fear that Florence Garzia might approach them and herm them in any manner. They are therefore requesting protection. Garzia has been requested by PS 698 at the poice station but she did not turn up. The undersigned also contacted Ms. GArzia both on her mobile number and land line number but no one responded. Insp EMC.'

Illi sabiex tigi segwita s-sekwenza tal-fatti kif graw il-Qorti ser tanalizza x-xhieda fl-ordni segwenti:

1. L-Ispettur Edel Mary Camilleri a fol. 25 et seq xehdet li hija kienet prezenti fl-awla dakinhar filghodu u hija rat li dakinhar fl-awla Florence Garzia kienet qed tinsisti li kellha pakkett bl-SMSs kollha pprintjati u telefonati li kien hemm. SMSs kollha kategorizzati, qeghdin wara xulxin ipprintjati forma ta' pakkett . . kellha pakkett . .kien f'idejjha . . . jien rajt pakkett f'envelope abjad.';

2. Ix-xhud Doris Scerri li tigi habiba tal-parte civili u li ssostni li kienet prezenti maghha fl-awla waqt is-smiegh ta' filghodu tixhed a fol. 145 et seq tal-process illi filghodu hija f'idejn l-imputata rat ktieb 'kien go file pink, ezatt, u kien bil-highlighted, hawn, il-messaggi kienu, hawn, il-karti kienu highlighted, dak li niftakar.' Mistoqsija mill-Qorti x'hin rat il-highlighters tirrispondi li dawk rathom filghodu fl-awla (fol. 151);

3. Ix-xhud Luke Camilleri jispjega x'gara wara nofsinhar qabel ma huwa mar ghand il-parte civile Frances Mizzi fix-xhieda tieghu tat-18 ta' Ottubru, 2017 liema xhieda din il-qorti tqis li ghandha tigi riportata fil-parti sostantiva taghha f'din id-decizjoni kif isegwi stante li taghti stampa

pjuttost cara ta' x'sehh bejnhu u bejn l-imputat u konsegwentement ma' Frances Mizzi dak in-nhar:

'L-Ispettur Edel Mary Camilleri:
Iva nixtieq nurik il-pakkett, jekk jiftakar xi haga.
Il-Qorti:
Mela x-xhud qed jigi muri d-dokument 'EMC 2' a fol 45 tal-process.
L-Ispettur Edel Mary Camilleri:
Dan tiftakar xi haga fuqu?
Ix-xhud:
Gbartu mill-pjazza iva.
L-Ispettur Edel Mary Camilleri:
Minn fejn gbartu dan?
Ix-xhud:
Mill-pjazza tal-Qala.
L-Ispettur Edel Mary Camilleri:
Minghand min?
Ix-xhud:
Florence Garzia.
L-Ispettur Edel Mary Camilleri:
Inti taghrafha lil Florence hawnhekk?
Ix-xhud:
Ehe.
Il-Qorti:
Mela x-xhud qed jindika l-imputata. Ghidilna ezatt x'gara.
Ix-xhud:
Cempluli mill-ufficcju biex nigbor dan il-pakkett mill-pjazza tal-Qala u jien mort nigbru, kont waqt ir-rotta n-Nadur, u mort niltaqa' maghha l-pjazza tal-Qala.
Il-Qorti:
Int kont tafha lis-Sinjura? . . .
. . . .Ix-xhud:
Dakinhar jien rajtha l-ewwel darba.
Il-Qorti:
U kif gharaftha min hi? . . .
…. Ix-xhud:
Ghax qaluli li ha tkun go karozza blu ghandu jkun. . . .
. . . .Iltqajt maghha hemmhekk u taf int, xhin tara l-van tal-Gozo Express u tkun qed tistennieni minghajr ma trid ha tindika li tigi lejha. . . Mort biex nigbor il-pakkett u kienet qed tikteb xi haga fuq notebook. Sadattant mort xtrajt is-sigaretti u xhin gejt lura mlejtilha karta biex dan, biex li ha naghmel il-pick up. . . .
. . . .Il-Qorti:
Mela qed jigi muri d-dokument 'EMC 1'. Mela ara jekk taghrafx il-karta?
Ix-xhud:
Iva din wahda minnhom.
Il-Qorti:

Hemm handwriting illi taghraf hemmhekk? . . .
. . . <u>Ix-xhud:</u>
Iva hawn dawn it-tnejn (2) tieghi, hawn fuq.
<u>Il-Qorti:</u>
Ghidli, mela indikali kaxxa kaxxa liema huma l-handwriting tieghek.

<u>Ix-xhud:</u>
Ok, sender Anthony Bugeja, lokalita' Qala, contact person Anthony Bugeja, il-mobile number, hemm d-description of contents. . . .Hemm ir-receiver house name, street u l-locality l-ohra. . . .hawn d-disbursement u d-dates, ghandi hawnhekk. . . .Dan ta' hawnhekk hawn, twenty six (26), five (5), sixteen ( 16). . . .
<u>L-Avukat Dottor Carmelo Galea:</u>
Qed jaghmel referenza ghall-kaxxi kollha tan-naha tal-lemin, il-kolonni kollha tan-naha tal-lemin tal-'EMC 1'. . . . Hemm il-kaxxa tax-xellug l-ewwel linja u l-kaxxa tan-nofs l-ewwel linja wkoll, l-indirizzi li hemm fil-kolonni tan-nofs 145B, Triq Patri Guzepp Portelli, Qala. L-indirizzi li hemm fil-kolonna tax-xellug, Qala u l-isem Anthony Bugeja in small capital letters li qieghed il-hames (5) linja minn fuq.
<u>Il-Qorti:</u>
Naqblu s'issa?
<u>Ix-xhud:</u>
Iva, iva. . .Ghandi dawn picked up by LC u delivered by LC ukoll. Ghandi d-date hawn isfel fejn Anthony Bugeja, hemm id-date insomma, u ta' tahtha l-firma li ghamlet hi. U dan ta' magenbha dak jien ktibtu. . . Dan hawn, it-time. . .
. . . <u>Il-Qorti:</u>
Issa liema hi l-firma li ghamlet hi?
<u>Ix-xhud:</u>
Dawn, dawn it-tnejn (2) ara hi kitbithomli, mhix handwriting.
<u>Il-Qorti:</u>
F'liema kaxxa?
<u>Ix-xhud:</u>
Hemm sender's signature and name in blocks.
<u>Il-Qorti:</u>
U x'jaqra n-name in blocks?
<u>Ix-xhud:</u>
Hemm Anthony Bugeja. . . .
<u>. . . L-Avukat Dottor Carmelo Galea:</u>
U sender's signature Anthony Bugeja wkoll.
<u>Ix-xhud:</u>
Iva, iva.
<u>L-Avukat Dottor Carmelo Galea:</u>
Mela qed jaghmel referenza ghall-ahhar zewg linji tal-kolonni tan-naha tax-xellug.
<u>Ix-xhud:</u>
All right.
<u>Il-Qorti:</u>
Jigifieri inti dawk lil min rajt jiffirmahom?
<u>Ix-xhud:</u>

Florence.
Il-Qorti:
Lil Florence Garzia?
Ix-xhud:
Iva, iva mela.
Il-Qorti:
Alavolja isem ta' ragel?

Ix-xhud:
Iva, jien kont maghfus b'hin ta' rotta u jien rajt it's not my job to, li noqghod nara dawn l-affarijiet.
Il-Qorti:
Imma nnutajt dak il-hin illi ma kienx isem ta' mara?
Ix-xhud:
Iva nnutajt.
Il-Qorti:
Innutajt.
Ix-xhud:
U mill-ufficcju staqsewni wkoll wara ghalfejn hallejthom.
Il-Qorti:
Mela, jigifieri mela rajtha tiffirma. X'gara iktar minn dak il-hin? Mela kont qed tghidli.
Ix-xhud:
Jien qabel dan ghamilt.
Il-Qorti:
Stenna, kont qed tghidli baqa' xi kaxxi ohra li hemm.
Ix-xhud:
Dawn m'iniex cert ktibthomx jien dawn ta' hawnhekk, u issa. . ____________________.
Consignment received them good order.
L-Ispettur Edel Mary Camilleri:
Consignment received them good order and condition, hawn firma f'dik il-kaxxa.
Il-Qorti:
Fejn hemm il-firma ta' Florence Garzia?
Ix-xhud:
Iva. . . . M'iniex cert jekk ktibtx xi haga minnhom, u nahseb id-date ta' magenbu jigi twenty (20), zero five (05), sixteen ( 16) m'iniex cert ktibtux jien jew le. . . .Qabel din il-karta mlejt ohra jien. . . U kien bl-isem kif suppost u l-firma kif suppost. . . .Minflok Anthony Bugeja kien hemm Florence Garzia.
Il-Qorti:
Jigifieri inti mlejtha qabel ma mort?
Ix-xhud:
Le, le, imlejtha hemmhekk, imbaghad wara li mlejtha u kienet lesta kkancellajtu d-docket ghax talbitni hi, u ergajt ghamilt iehor mill-bidu.
Il-Qorti:
All right. Fuq talba taghha?
Ix-xhud:
Iva, iva mela. U suppost il-Gozo Express ghandhom kopja ta' kollox.

Il-Qorti:
Issa mbaghad x'ghamilt, tatek xi haga?
Ix-xhud:
Tatni dan il-pakkett hawn.
Il-Qorti:
Li qed taghraf?
Ix-xhud:
Iva dan ta' hawnhekk.

Il-Qorti:
'EMC 2', ehe. U x'ghamilt?
Ix-xhud:
Urietni fejn irrid inqassmu, u mort inqassmu . . . Din it-triq hawn, Triq Patri Guzeppi, il-Qala. . . .Xhin wasalt hemmhekk, urietni ta' fuq fuq fejn irid imur, xhin wasalt.
Il-Qorti:
Jigifieri inti fejn iltqajt maghha?
Ix-xhud:
Iltqajt fil-pjazza tal-Qala. . . . . .
. . . Il-Qorti:
Imbaghad biex mort f'dak l-indirizz bil-mixi, bi?
Ix-xhud:
Le, le bil-van tal-Gozo Express. . . .U hi giet warajja jew quddiemi. . . .Bil-karozza taghha. . . . imma ma dahlitx fit-triq mieghi, dak dhalt ghalija. . . ._________________U qaltli hemmhekk li l-pakkett jista' jiehdu biss ir-receiver Frances Mizzi, ma tantx niftakru l-isem, qaltli li hi biss tista' tiehdu, la t-tfal u lanqas ir-ragel, hadd hlief hi. Mort hemmhekk biex naghtihulha u din bdiet tghajjat mieghi. . . . Frances Mizzi nimmagina, u qaltli noqghod hemmhekk ha ccempel lill-Avukat. Ghedtilha "sorry," ghedtilha "imma jien ha ncempel l-imghallem ghax ma nafx x'inhu jigri." U mill-ufficcju xhin cempilt. . . . Imbaghad cempilt l-ufficcju u qaluli ara hijiex ha tiehdu jew le, fil-kaz aghmel refused u erga' aghtihulha lura u jien hekk ghamilt, wara kocc ghajjat ghedtilha "ha tiehdu jew le?" qaltli "le," ghamilt refused u tlaqt 'l hemm. . . . imbaghad mort u tajtha l-pakkett lura. . . .Lil Florence, ma niftakarx fejn tajthulha, ma nafx kontx il-pjazza jew x'imkien iehor. . . . l-Qala stess. . . . Imbaghad cempluli mill-ufficcju biex nitla' emergency delivery ghal Ta' Frenc u xhin nasal hemmhekk u qed nghabbi l-van nara, jigi Pulizija fuqi u jistaqsini. . . .
Il-Qorti:
Le, le, le biex tajthulha lura x'gara jew, lil Florence?
Ix-xhud:
Ma niftakarx.
Il-Qorti:
Lil Florence.
Ix-xhud:
Cempiltilha biex naghtihulha lura.
Il-Qorti:
Lil Florence Garzia?
Ix-xhud:

Iva.
Il-Qorti:
U tajthulha?
Ix-xhud:
Iva, iva tajthulha.
Il-Qorti:
Kif tajthulha staqsejtek jien.
Ix-xhud:
X'jigifieri, f'liema sens kif tajthulha?

Il-Qorti:
Tajtha l-envelope?
Ix-xhud:
Ehe, tajtha dan il-pakkett.
Il-Qorti:
U ghedtilha tiffirmalek xi haga imma?
Ix-xhud:
Le, le ma nahsibx li ghedtilha, m'iniex cert ghax issa nsejt.
Il-Qorti:
Mela ha nurik din l-'EMC 1', jidhirli li hemm xi kaxxi illi returned safely, xi haga hekk.
L-Avukat Dottor Carmelo Galea:
Received in good condition.
Ix-xhud:
Iva, mela ffirmatli li tajthulha lura u f'kundizzjoni tajba.
Il-Qorti:
Dawk hi ffirmathomlok?
Ix-xhud:
Iva, iva mela, jiena lilha, maghha biss iltqajt, maghha u ma' Frances. . . . Le, le mhux tieghi. Nimmagina li hi kitbitha ghax ahna biss iltqajna, jien u hi, u jien u Frances, ma' xulxin it-tlieta (3) qatt ma ltqajna.
L-Avukat Dottor Carmelo Galea:
U dina d-docket li hawn esebit bhala 'EMC 1' imtliet kollha fil-prezenza tieghek?
Ix-xhud:
Iva, iva mela.
L-Avukat Dottor Carmelo Galea:
Kollha. Jigifieri kull haga li nkitbet hemmhekk inkitbet fil-prezenza tieghek?
Ix-xhud:
Hekk suppost, jien kollox imlejt kif suppost u kif qaluli mill-ufficcju.
L-Avukat Dottor Carmelo Galea:
Kif suppost, pero' Anthony Bugeja mhux inti ktibtha?
Ix-xhud:
Le dawn it-tnejn (2) ma mlejtx, u dawn ma nahsibx li mlejthom jien, I mean Florence Garzia hawnhekk kif inhi miktuba ma taqbilx mal-handwriting tieghi, allura nista' nimmagina li mhux jien ktibtha.
L-Avukat Dottor Amadeus Cachia:
Imma ma tiftakarx?

Ix-xhud:
Le, le ma niftakarx. . . .. . .
L-Ispettur Edel Mary Camilleri:
Ara Sur Camilleri sar xi pagament ghal dan id-delivery?
Ix-xhud:
Iva, ten Euros (€10).
L-Ispettur Edel Mary Camilleri:
U min hallas?
Ix-xhud:
Florence Garzia.

L-Ispettur Edel Mary Camilleri:
U lil min tathom dawn it-ten Euros (€10)?
Ix-xhud:
Lili. . . . .Dak fil-pjazza tal-Qala, mal-pick up.
Il-Qorti:
Jigifieri ha nkunu cari, fejn hemm l-isem Anthony Bugeja capital letters isfel fil-kantuniera xellug.
Ix-xhud:
Ehe, all right.
Il-Qorti:
U Anthony Bugeja firma miktuba zghira, inti ghedtli illi dik rajt lil Florence Garzia kitbithom hi quddiemek?
Ix-xhud:
Iva, dak nimla d-docket jien u naghtieh lill-klijent biex ikun jista' jiffirma, ghax qabel, imbaghad nerga' niehdu.
Il-Qorti:
Erga' ghidli min ghamilhom quddiemek, lil min rajt jaghmilhom?
Ix-xhud:
Lil Florence Garzia. . . . ______________Il-firma naf li t-tnejn (2) li huma ghamlithom hi, il-block letters ma nafx kitbithomx hi ta' din in-naha. . . .
Ix-xhud:
Iva t-tieni docket, l-ewwel wiehed kien sewwa miktub.
L-Avukat Dottor Amadeus Cachia:
Fuq it-tieni docket. Jigifieri, u inti m'ghedtilhiex xi haga dak il-hin?
Ix-xhud:
Le, ghax lili qaltli "ikkancellah," qaltli "nistghu nergghu niktbuh u niktbuh fuq ir-ragel?", ghedtilha, taf int, jien kont mghaggel bir-rotta, ghedtilha "mhux problema," ghedtilha "ha nerga' nibda."
L-Avukat Dottor Amadeus Cachia:
Jigifieri int ghedtilha mhux problema jekk issir xi haga hekk?
Ix-xhud:
Iva, iva. . . ._Le l-ewwel darba li saret u ma tergax tkun.
L-Avukat Dottor Amadeus Cachia:
All right. Imma gieli, jigifieri imma int ghedtilha mhux problema, jigifieri hi staqsietek jekk tistax issir xi haga bhal din?

Ix-xhud:
Ehe, qaltli "nista' nerga' niktbu u naghmlu fuq ir-ragel?" Ghedtilha "iva, gib ha naghmilhulek."

Illi minn din ix-xhieda jirrizulta li kienet l-imputata Florence Garzia li baghtet ghall-impjegat tal-Gozo Express tant li hu sab lilha tistennih fil-pjazza tal-Qala. Jikkonferma li huwa gabar envelope abjad li jaghraf li kien dak esebit bhala dok EMC 2 a fol. 25 tal-process. Jixhed li huwa kien gia mela docket tal-kumpanija Gozo Express f'isem l-istess Frances Garzia izda hi staqsietu jekk setghetx timtela' ohra f'isem ir-ragel taghha Anthony Bugeja u hu qalilha li mhux problema u hekk ghamlu. Jikkonferma d-dettalji li mela hu fuq id-docket li l-original taghha ngabret mill-pulizija u tinsab esebita a fol. 44 A tal-process izda jikkonferma li l-firem li hemm u cioe' dik ta' Anthony Bugeja u Florence Garzia ghamlithom l-imputata fil-presenza tieghu. Jirrizulta li l-imputata nsistiet mieghu li l-pakkett kellu jigi konsenjat lil Frances Mizzi u hadd aktar. Jixhed kif kienet l-istess imputata li wrietu billi segwietu bil-karozza taghha fejn kellu jikkonsenja l-pakket izda meta hu mar jikkonsenja l-pakkett lil Frances Mizzi quddiem id-dar taghha din qaltlu li kienet ser iccempel lill-Avukat u meta ra li ma riditx izzommu huwa nduna li seta' kien hemm xi haga hazina, ccekkja mal-kumpanija x'kellu jaghmel bil-pakkett u tah lura lill-imputata fil-karozza taghha li min-naha taghha ffirmatlu din id-darba b'isimha li qed tiehdu lura.

4. Illi d-docket in kwistjoni li gie esebit bhala dokument EMC 1 a fol. 44 A tal-process gie ezaminat mill-espert kalligrafiku s-Sur Joseph Mallia bl-ghan li jigi vverifikat jekk il-firem u l-kliem ta' tahthom fuq l-istess docket sarux mill-istess persuna. Ghandu jinghad li x-xhud Luke Camilleri ma eskludiex fix-xhieda tieghu li l-kliem Florence Garzia taht il-firma tal-istess setghu gew miktuba minnu. L-espert tekniku kellu wkoll l-inkarigu li jqabbel dawn il-kliem mal-kalligrafija wzata fuq l-envelope abjad esebit bhala EMC 2 u cioe' l-envelope konsenjat skont ix-xhieda ta' Luke Camilleri minn Florence Garzia lilu sabiex jigi mghoddi lil Frances Mizzi. Mir-rapport tal-espert tekniku a fol.82 tal-process u mix-xhieda tieghu a fol. 78 tal-process il-Qorti fehmet li hemm possibilita' kbira li l-kliem Anthony Bugeja fid-docket a fol. 44 A u l-kliem miktub fuq l-envelope esebit EMC 2 a fol. 45 setghu saru mill-istess persuna minhabba kompatibilita' principalment mal-ittra G. Fehmet ukoll li kien hemm bosta diskrepanzi bejn l-istess kliem Anthony Bugeja u dak miktub fuq l-envelope mal-isem Florence Garzia fuq id-docket a fol. EMC 1 b'dana li

probabilment dawn ma sarux mill-istess persuna. Fil-fatt kif gia espost Luke Camilleri huwa ma eskludiex li l-kliem Florence Garcia bl-ittra C fil-kunjom setghu saru minnu. Fil-fatt jigi rilevat li mill-akkuza kunjom l-imputata jinkiteb bl-ittra Z u mhux C b'dana li dan ukoll jimmilita favur it-tezi li l-kliem Florence Garcia fuq id-docket EMC 1 ma sarux mill-imputata. Dwar il-bqija tal-kliem li nstab kompatibilita' bejniethom u cioe' l-kliem Anthony Bugeja u l-indirizz fuq l-envelope esebit dok EMC 2 a fol. 45 il-Qorti tqis li hemm bizzejjed korroborazzjoni sal-grad rikjest mil-ligi mix-xhieda ta' Luke Camilleri kif ukoll ta' Frances Mizzi li rat lill-imputata fuq il-post li dawn inkitbu mill-imputata Florence Garzia.

5. Illi da parti taghha l-parte civile Frances Mizzi a fol. 121 xehdet li wara li hija rritornat lura mill-Qorti ntefghet tnaddaf fuq quddiem tad-dar taghha. F'hin minnhom rat il-karozza tal-imputata u persuna b'xaghra isfar li gharfitha bhala l-imputata ghaliex kienet ukoll taghraf il-karozza taghha. Tghid li ratha tkellem lill-impjegat tal-Gozo Express u cioe' lix-xhud Luke Camilleri u ratha tippuntalu lejn id-dar taghha. Tixhed li Luke Camilleri mar fuqha sabiex jikkonsenjalha l-envelope abjad kif esebit a fol. 45 tal-process qallha li dan kien minghand Anthony Bugeja. Hija tinsisti li ghalkemm ma ratx il-kontenut mill-ewwel indunat x'inhu cioe' l-pakkett bil-messaggi tar-ragel taghha li l-imputata riedet tesebixxi dakinhar filghodu fl-awla. Tghid li nfurmat lil Luke Camilleri li hija ma kienet qed tistenna l-ebda pakkett minghand Anthony Bugeja, rrifjutatu u nfurmat lil Luke Camilleri li kienet ser iccempel l-Avukat. Luke Camilleri telaq lura bih. Wara l-incident ma' Luke Camilleri hija cemplet lill-habiba taghha Doris Scerri (li xehedet a fol. 145 et seq tal-process) u ssostni li fil-hin lil kienet fit-triq iccempel lill-habiba taghha u tghidilha x'kien gralha sehh kif isegwi:

_'Ix-xhud:_
*Ghax jien inzilt naghmel ix-xoghol tad-dar normali. Sadanittant cempilt lir-ragel tieghi, qalli "taccettax pakketti ghax ma jistax, ikun fihom xi haga," ghedtlu "ok" u komplejt. Sadanittant komplejt nahsel u mad-daqqa t'ghajn nara karozza tipparkja mal-kantuniera fejn tieghi hemmhekk.*
_'Il-Qorti:_
*X'karozza kienet?*
_Ix-xhud:_
*L-istess karozza li giet, li kkuntattjat ma' tal-Gozo Express.*
_Il-Qorti:_
*Ta' min?*
_Ix-xhud:_
*Mitsubishi, tas-Sinjura Garzia.*

*Il-Qorti:*
*Ehe.*
*Ix-xhud:*
*Imbaghad sadanittant cempilt lill-habiba tieghi u.*
*Il-Qorti:*
*Min hi?*
*Ix-xhud:*
*Doris Scerri. Qbadt il-mobile, bdejt nersaq hekk bil-mobile u nghidilha li din regghet giet wara l-bieb tieghi, xhin ratni qed nitkellem bil-mobile hi qabdet il-karozza, jien pruvajt naqsam nigri, li kieku ma grejtx nahseb kienet mhux ittajjarni, tghaffigni.*
*Il-Qorti:*
*Ghalfejn qsamt imma?*
*Ix-xhud:*
*Qsamt dik il-hin, infxilt.*

*Il-Qorti:*
*Int hrigt barra biex taraha lilha?*
*Ix-xhud:*
*Iva qsamt it-triq halli nara, u jien sadanittant bdejt miexja ghal god-dar tieghi, hi qabdet il-karozza b'kemm kellha sahha, saqet ghal fuqi, qsamt jien b'girja, sadanittant tefghet il-pakkett minn gon-naha taghha, min-naha ta' minn fejn issuq.*
*Il-Qorti:*
*U x'sar minnu l-pakkett?*
*Ix-xhud:*
*Il-pakkett tar, kelli il-mobile f'idejja tarli wkoll ghax laqtitni f'wicci bil-pakkett, il-pakkett intefa' mal-art, il-mobile hallejtu mal-art u dhalt nigri ncempel lill-Pulizija.*
*Il-Qorti:*
*Mal-art fejn baqghu dawn?*
*Ix-xhud:*
*Quddiem tieghi.*
*Il-Qorti:*
*Fuq il-bankina, fit-triq?*
*Ix-xhud:*
*Le isfel mill-bankina, fit-triq.*
*Il-Qorti:*
*Fit-triq. U cempilt lill-Pulizija?*
*Ix-xhud:*
*Cempilt lill-Pulizija, u sadattant il-habiba tieghi qabdet u giet u l-pakkett ratu mal-art, imbaghad gew il-Pulizija, naf li gabruh, jien kelli roghda u xokk qawwi insomma.*
*Il-Qorti:*
*Sa xhin gew il-Pulizija jigifieri?*
*Ix-xhud:*
*Hemmhekk hallejtu.*
*Il-Qorti:*
*U l-habiba tieghek?*
*Ix-xhud:*
*Ukoll, ma missejniehx.*
*Il-Qorti:*

*U l-mobile tieghek?*
*Ix-xhud:*
*Il-mobile tieghi mal-art, imbaghad gabrituli l-habiba tieghi u pruvat tirrangahuli ghax.*
*Il-Qorti:*
*Jigifieri dak gbartuh?*
*Ix-xhud:*
*Gbartu.*
*Il-Qorti:*
*Il-pakkett hallejtu hemm?*
*Ix-xhud:*
*Il-pakkett hallejnieh hemm, ma missejniehx, u cempilt lill-Pulizija.*
*Il-Qorti:*
*Imma ghalfejn ma missejtux?*

*Ix-xhud:*
*Ghax jien, jien naf x'inkun fih, xhin tmissu jew ha tmur tifthu, jien indunajt x'inhu, imma ma kellix interess li rrid nara messaggi.*
*Il-Qorti:*
*X'jigifieri ndunajt x'inhu?*
*Ix-xhud:*
*Indunajt li hu dak il-pakkett ta' filghodu, il-ktieb li kien ta' filghodu, ma kelli l-ebda interess li rrid nara u mhux talli hekk, talli ttit xhur ilu Sinjura Magistrata rcevejt.*
*Il-Qorti:*
*Jien mhux dan, jien fuq dakinhar jimpurtani.*
*Ix-xhud:*
*All right.*
*L-Ispettur Edel Mary Camilleri:*
*Inti l-pakkett taghrfu li thalla hemmhekk mis-Sinjura Garzia?*
*Ix-xhud:*
*Hekk kif inhu?*
*L-Ispettur Edel Mary Camilleri:*
*Taghrfu hawnhekk gol-Awla?*
*Ix-xhud:*
*Iva mela.*
*L-Ispettur Edel Mary Camilleri:*
*Qed taghraf dak il-pakkett?*
*Ix-xhud:*
*Iva mela, ezatt.*
*Il-Qorti:*
*Terga' tikkonferma l-'EMC 2'.*
*L-Ispettur Edel Mary Camilleri:*
*U inti lis-Sinjura Florence Garzia taghrafha hawnhekk?*
*Ix-xhud:*
*Iva mela.*
*L-Ispettur Edel Mary Camilleri:*
*Tista' tindikahielna?*
*Ix-xhud:*
*Hemmhekk.*

*Il-Qorti:*
*Taghmel referenza ghall-imputata. Iva.'*

6. Ix-xhud habiba tal-parte civile Doris Scerri li gia sar accenn ghax-xhieda taghha aktar il-fuq (li xehedet a fol. 145 et seq tal-process), tixhed ukoll dwar dak li sehh wara nofinshar. Hija ssostni li Frances Mizzi cemplitilha u dehret ippanikkjata u filwaqt li minn fuq il-mobile kienet qed tisma' lil Frances Mizzi tirrakontala l-incident tal-konsenja tal-envelope mill-impjegat tal-Gozo Express cioe' Luke Camilleri hija tixhed li:

*'Ix-xhud:*
*Qaltli li kien hemm is-Sinjura Garzia niezla minn fejn taghha u li biex taghtiha, imbaghad jien smajt il-hoss tal-karozza ghaddejja b'velocita' qawwija u smajt hoss ta' xi haga.*
*L-Ispettur Edel Mary Camilleri:*
*Min fuq xiex?*
*Ix-xhud:*
*Minn fuq il-mobile.*
*L-Ispettur Edel Mary Camilleri:*
*Imbaghad?*
*Ix-xhud:*
*Imbaghad jien qtajt u mort hemm id-dar taghha.*
*Il-Qorti:*
*Jigifieri wara li smajt dan il-hoss.*
*Ix-xhud:*
*Ehe.*
*Il-Qorti:*
*Ma regghetx kellmitek?*
*Ix-xhud:*
*Frances? Le nqtajt, inqtajt minn maghha, inqtajna.*
*Il-Qorti:*
*U inti mort tara x'gara?*
*Ix-xhud:*
*Ehe. . . .Imbaghad irrizulta li kien il-pakkett tal-messaggi.*
*Il-Qorti:*
*Imma qaltlek ghalfejn inqataghlha l-mobile minn mieghek?*
*Ix-xhud:*
*Le, ifhimni, ghax imbaghad jien, ghax hi qatghet xhin smajna dak il-hoss tal-pakkett imbaghad hi qatghet u jien ghedtilha, ghedtilha "gejja," imma emminni ezatt ma nafx, imma jien imbaghad imdorrija mmur hemm u qbadt u tlaqt u mort hemm.*
*Il-Qorti:*
*U x'rajt fi xhin mort hemm?*
*Ix-xhud:*
*U rajt il-pakkett fuq ir-rampa tad-dar taghha.'*

Il-parte civile meta mistoqsija ghalfejn bezghet jew hassitha mhedda tul dan l-incident tinsisti li l-imputata saqet b'mod perikoluz hafna u li kieku ma resqitx kienet wisq probabbli tghajjarha bil-karozza. Tixhed ukol li l-pakkett laqtilha l-mobile li dak il-hin kien qieghed ma widnejha stante li kienet qed tkellem lill-habiba taghha Doris Scerri tant li dan waqa' mal-art. Tixhed ukoll li hija fl-ebda hin ma riedet tara l-kontenut tal-messaggi li riedet turiha l-imputata stante li fil-frattemp hi u zewgha kienu rrangaw ir-relazzjoni taghhom.

7. Wara dan l-akkadut accedew il-pulizija fuq is-sit. Is-Surgent Sean Tabone li xehed a fol. 53 et seq tal-process jghid li marru fuq il-post u li minn fuq barra tad-dar ta' Frances Mizzi gabru l-envelope li jaghraf bhala dokument EMC 2 esebit a fol. 45 tal-process. Jixhed li huwa ma hasibx li l-pakkett kien perikoluz u ghalhekk gabru u hadu mieghu l-ghassa. Jikkonferma wkoll li hu kien mar fl-ufficcji tal-Gozo Express u gabar id-'docket' li gie esebit a fol. 44 A tal-process.

8. Jirrizulta mix-xhieda tal-ispettur Edel Mary Camilleri u mix-xhieda tar-Surpretendent Antonello Grech li konsegwentement l-imputata marret l-ghassa flimkien mal-avukat taghha Dr. Kevin Mompalao. Kemm l-ispettur kif ukoll is-Surpretendent jixhdu dwar dak li qaltilhom l-imputata pero' jammettu li dan sar fil-kuntest li kienu qed jippruvaw jirrangaw lill-partijiet bejniethom sabiex possibilment ma jkabbrux l-affarijiet. Fil-fatt jirrizulta li ma ttiehdet l-ebda stqarrija tal-imputata almenu ma giet prezentata l-ebda stqarrija fl-atti. Jirrizulta wkoll li ghalkemm l-Ispettur Edel Mary Camilleri tixhed li f'xi mument l-imputata nghatat il-'caution' din il-Qorti mihijiex konvinta li fil-fatt dan sar kemm ghaliex fil-fatt ma ttiehdet l-ebda stqarrija, kif ukoll ghaliex dan ma giex konfermat la mis-Surgent li kien prezenti ghall-parti mill-konversazzjoni u lanqas mis-Surpretendent Grech. Il-Qorti ghalhekk tqis li fl-ezistenza ta' dubju serju dwar jekk l-imputata nghatatx id-debita kawzjoni skont il-ligi qabel ma hija tkellmet mal-Ispettur u s-Surpretendent *per conseguenza* dak li jixhdu l-istess Spettur u Surpretendent dwar dak li qaltihom l-imputata tul din il-laqgha ma jikwalifikax bhala prova ammissibbli skont il-ligi.

Ikkunsidrat ulterjorment:

a) Illi din il-Qorti tikkonkorri mas-sottomissjonijiet kemm tal-parte civile kif ukoll tal-imputata li l-ewwel u t-tieni akkuzi kif migjuba fil-konfront

taghha ma jirrizultawx fil-kaz odjern u ghalhekk ser tghaddi sabiex tillibera lill-imputata mill-akkuzi ai termini tal-artikolu 183 u 184 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

b) Illi it-tielet akkuza fil-konfront tal-imputata taqra kif isegwi:

'talli ghamilt falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamilt uzu min xi dokument iehor falsifikat, u dan bi ksur tal-artikolu 189 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta'.

Illi l-artikolu 189 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta jaqra kif isegwi:

*'Kull min jaghmel falsifikazzjoni ohra jew xjentement jaghmel uzu minn xi dokument iehor falsifikat, mhux imsemmija fl-artikoli ta' qabel ta' dan it-Titolu, jehel il-piena ta' prigunerija ghal zmien mhux izjed minn sitt xhur, u jekk ikun uffixjal jew impjegat pubbliku b'abbuz tal-kariga jew impieg tieghu,il-piena tkun ta' prigunerija minn seba' xhur sa sena.'*

Illi f'dan il-kaz il-prosekuzzjoni qed issostni li l-imputata nizzlet isem ir-ragel taghha Anthony Bugeja u ffirmat f'ismu id-docket tal-Gozo Express esebit a fol. 44 A tal-process bl-ghan li tinganna lill-parte civile Frances Mizzi sabiex taccettah u b'hekk tara l-kontenut tal-istess envelope. Il-Qorti hija moralment konvinta kemm mill-konkluzjonijiet tal-espert tekniku s-Sur Joseph Mallia, kif ukoll wara li semghet ix-xhieda ta' Luke Camilleri li kien ix-xhud okulari ghall-azzjonijiet tal-imputata Florence Garzia u mix-xhieda ta' Frances Mizzi, Doris Scerri u l-ispettur Edel Mary Camilleri dwar l-insistenza tal-imputata fl-awla aktar kmieni dakinhar fl-awla li tesebixxi l-ktieb bil-messaggi illi kienet appuntu l-imputata li ffirmat bhala Anthony Bugeja fuq id-docket esebt a fol. 44 A bl-intenzjoni nekwivoka li ma jigix identifikat mill-parte civile Frances Mizzi li kienet hi li kienet qed tibghat il-pakkett lilha. Dan huwa wkoll imsahhah mill-fatt li ittri fil-kliem Anthony Bugeja u ittri fl-indirizz miktub fuq l-envelope esebit bhala dok. EMC 2 wkoll instabet kompatibilita' bejniethom mill-espert kaligrafiku. Din il-Qorti wkoll ma ghandha l-ebda dubju li l-indirizz miktub fuq l-envelope EMC 2 sar mill-imputata Florence Garzia u dan stante l-insistenza taghha li l-kontenut tal-ktieb li kien hemm fl-istess envelope, kif maghruf mill-parte civile bhala l-istess wiehed li kellha f'idejha fl-awla dakinhar filghodu, jasal b'xi mod ghand il-parte civile. Dan huwa korroborat mill-insistenza tal-imputata max-xhud Luke Camilleri li l-envelope jigi konsenjat lil Frances Mizzi biss u hadd aktar.

Jibqa' izda sabiex jigi kkunsidrat jekk il-fatt li l-imputata konxjament (emfasi fuq il-fatt li kien sar 'docket' f'isimha u skont ix-xhud Luke Camilleri din talbet li jinbidel) konxjament talbet li jigi mnizzel isem mhux taghha u ffirmat b'isem mhux taghha fuq id-docket tal-Gozo Express a fol. 44 A tal-process jikwalifikax bhala l-akkuza ai termini tal-artikolu 189 tal-Kap. 9 tal-Kodici Kriminali.

Illi fil-kaz fl-ismijiet **Regina vs. Giuseppa Bezzina** l-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali nhar id-29 ta' Ottubru, 1954 dwar il-falz dokumentali iddikjarat illi il-falz dokumentali jista' jestrinseka ruhu fil-falz personali, cjoe' suppozizzjoni ta' persuna, meta l-immutazzjoni tal-veru taqa' fuq l-"essere" tal-persuna stess, u ghalhekk, min jippersonifika lil haddiehor fi skrittura huwa hati ta' falz dokumentali. Kompliet tghid illi xejn ma jinfluwixxi fuq l-aspett guridiku l-fatt li min jaghmel dik il-personfikazzjoni ma jkunx iffirma l-iskrittura huwa stess, jekk ikun inkariga lil haddiehor jiffirmaha ghalih. Tiddikjara in oltre li hemm dak il-falz dokumentali mhux biss meta r-reat ikun jivverti fuq dokument pubbliku, imma anki meta jkun jivverti fuq dokument privat.

Illi fil-kaz fl-ismijiet **Regina vs. Spiru** Quintano l-Onorabbli Qorti tal-Appell nhar it-13 ta' Dicemru, 1954 din il-Qorti ddikjarat illi l-kelma 'dokument' ghandha sinifikat ampju, fis-sena ta' kwalunkwe haga li tiswa biex tipprova l-verita', u konsegwentement ma tillimitax ruhha ghas-sens biss ta' 'skrittura'.

Illi fil-kaz in ezami l-iskrittura in kwistjoni li fuqha allegatament sar il-falz dokumentali mill-imputata hija d-dokument EMC 1 esebit a fol. 44 A tal-process. Kif gia konkluz minn din il-Qorti aktar 'il fuq f'din id-decizjoni din il-Qorti ma ghandha l-ebda dubju li kienet l-imputata Florence Garzia li ffirmat bhala Anthony Bugeja fuq l-istess dokument. Din il-Qorti wkoll ma ghandha l-ebda dubju li dan l-imputata ghamlitu bl-intenzjoni li tinganna lil Frances Mizzi billi ggieghla tahseb li l-envelope li kien qed jintbaghat lilha permezz tal-kumpanija Gozo Express kien qed jintbaghat minn Anthony Bugeja u mhux mill-imputata. Dan johrog b'mod car fl-insistenza taghha ma' Luke Camilleri li l-pakkett jinghata biss lil Frances Mizzi u hadd aktar. Il-Qorti hawnhekk taghmel ukoll referenza ghax-xhieda ta' Luke Camilleri, l-impjegat tal-Gozo Express li xehed bla tlaqliq li kienet Florence Garzia li talbitu sabiex ibiddel id-'docket' wara li kien prepara wiehed b'isimha indikat bhala l-mittenti tal-pakkett bl-ghan li d-'docket' ikun juri lil Anthony Bugeja bhala l-mittenti. Minn dan tohrog

cara l-*mens rea* tal-imputata li tinganna lil Frances Mizzi permezz ta' dan id-dokument. Il-Qorti li ghexet dan il-kaz u semghet di persona x-xhieda ta' Luke Camilleri, ghall-kuntrarju ta' dak sottomess mill-Avukat tal-imputata waqt it-trattazzjoni, tqis li x-xhieda ta' Luke Camilleri kienet wahda cara u kredibbli u ma ghandhiex ghalfejn tiddubita' mill-veracita' taghha. Ai termini tal-gurisprudenza hawn fuq ikkwotata, sabiex jissusisti r-reat ta' falsikazzjoni ai termii tal-artikolu 189 tal-Kap. 9 tal-Kodici Kriminali, lanqas huwa neccessarju li jigi pruvat li l-imputata ffirmat id-dokument in kwistjoni izda huwa bizzejjed li l-imputata taghmel uzu mid-dokument li taf li huwa falsifikat. Fil-kaz odjern id-dokument in kwistjoni cioe' d-'docket' sar fuq struzzjonijiet u informazzjoni li tat l-imputata bl-intenzjoni cara li tigi ngannata l-parte civile li taccetta l-pakkett irrilevantament jekk dan inkitibx mill-imputata jew mix-xhud Luke Camilleri.

Illi in vista tas-suespost, il-Qorti tqis li t-tielet akkuza ai termini tal-artikollu 189 tal-Kodici Kriminali fil-konfront tal-imputata Florence Garzia giet ampjament pruvata lilha skont il-ligi.

c) Ir-raba' akkuza:

Illi r-raba' akkuza fil-konfront tal-imputata taqra li fl-istess cirkostanzi l-imputata allegatament ghamlet ingurji jew theddid mhux imsemmija band'ohra fil-Kodici Kriminali jew, jekk kont ipprovokat, ingurjajt b'mod li hrigt barra mill-liti tal-provokazzjoni. U dan bi ksur tal-Artikolu 339 (1) (e) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Jirrizulta lil din il-Qorti li fil-gurnata tal-imputazzjoni tul l-incident kif deskritt mix-xhieda, l-imputata fl-ebda hin ma kelmet jew baghtet xi tip ta' messagg lill-parte civile Frances Mizzi w'ghaladqstant din l-akkuza ma tirrizultax mill-provi migbura.

d) Illi l-hames akkuza fil-konfront tal-imputata taqra kif isegwi:

'Kif ukoll talli taht l-istess cirkostanzi, bl-imgieba taghha kkagunat lil Frances Mizzi, Noel Mizzi u ohrajn bizgha li ser tintuza vjolenza kontrihom jew kontra l-proprjeta' taghhom jew kontra l-persuna jew il-proprjeta' ta' xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti ahwa subien u bniet. U dan bi ksur tal-artikolu 251B(1).'

Illi l-artikolu 251 B (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta jaqra kif isegwi:

'(1) Persuna li l-imhieba taghha tikkaguna lil haddieħor jibza' li se tintuza vjolenza kontrih jew kontra l-proprjetà tieghu jew kontra l-persuna jew il-proprjetà ta' xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti, ahwa subien jew bniet jew xi persuna msemmija fl-artikolu 222(1) tkun hatja ta' reat jekk hija tkun taf jew imissha tkun taf li l-imgieba taghha se tikkaguna lil xi hadd iehor hekk jibza' kull darba minn dawk l-okkazjonijiet, u tista' tehel il-piena ta' prigunerija ghal zmien minn tliet xhur sa sitt xhur jew multa ta'mhux inqas minn erbat elef u sitt mija u tmienja u hamsin euro u hamsa u sebghin centezmu (4,658.75) u mhux izjed minn hdax-il elf u sitt mija u sitta u erbghin euro u sebgha u tmenin centezmu(11,646.87), jew dik il-multa u prigunerija flimkien.'

Illi jirrizulta mill-atti li tul l-incident kollu li sehh fis-26 ta' Mejju, 2016 wara nofsinhar l-imputata fl-ebda hin ma kellmet lill-parte civile Frances Mizzi b'dana izda li f'mument minnhom il-parte civile tixhed li waqt li hija kienet barra qed titkellem ma' Doris Scerri fuq il-mobajl, l-imputata saqet bis-sahha fid-direzzjoni taghha tant illi skond Frances Mizzi li kieku ma resqitx kienet ittajjarha. Tixhed ukoll illi waqt din il-manuvra perikoluza bil-karozza taghha u l-imputata tefghet il-pakket esebit MC 2 lejn il-parte civile tant li dan laqatha u waqqalha l-mobajl:

'Xhud Frances Mizzi:
Iva qsamt it-triq halli nara, u jien sadanittant bdejt miexja ghal god-dar tieghi, hi qabdet il-karozza b'kemm kellha sahha, saqet ghal fuqi, qsamt jien b'girja, sadinittant tefghet il-pakkett minn gon-nara taghha, min-naha ta' minn fejn issuq.
Qorti:
U x'sar minnu l-pakkett?
Xhud Frances Mizzi:
Il-pakkett tar, kelli l-mobile f'idejja tarli wkoll ghax laqtitni f'wicci bil-pakkett, il-pakkett intefa' mal-art, il-mobile hallejtu mal-art u dhalt nigri ncempel lill-Pulizija.' (fol. 127 tal-process)

Ghall-kuntrarju ta' dak sottomess mid-difiza, il-Qorti tqis din ix-xhieda bhala wahda kredibbli anki ghaliex korroborata minn dak li semghet ix-xhud Doris Scerri li kienet qed tisma' fuq il-mobajl waqt li dan kollu kien qed isehh. Il-Qorti tqis li dan l-agir da parti tal-imputata (liema agir bl-ebda mod ma gie kontradett mill-imputata), flimkien ma' agir precedenti

taghha kif evidenzjat mill-akkuza precedenti esebita a fol. sa 52 tal-process (f'liema proceduri ghalkemm ma nstabitx htija l-imputata permezz tal-verbal ma cahditx l-agir taghha), jikkwalifika bhala mgieba da parti tal-imputata li certament minghajr ebda dubju gieghel lill-parte civile tibza' li ser tintuza vjolenza kontra taghha da parti tal-imputata. Fil-kontro-ezami Frances Mizzi tispjega li b'dan l-agir bezghet li l-imputata setghet kellha l-intenzjoni li tweggagha tant li telqet tigri minn fejn kienet u qalghet daqqa ta' pakkett f'wicca u waqala' l-mobajl. Din il-Qorti tqis ukoll li l-imputat ma setghetx ma tipprevedix li s-sewqan perikoluz ghal fuq il-parte civile u t-tfiegh ta' pakkett lejn l-istess parte civili seta' jikkaguna biza' f'mohh il-parte civile li ser tintuza vjolenza fil-konfront taghha. Dan jissahhah aktar meta wiehed jikkunsidra l-passat ta' skontri li kellhom il-partijiet qabel dak in-nhar, evidenzjati anki mill-kopja tal-akkuza esebita fl-atti li nstemghet quddiem il-Qorti dakinhar stess filghodu. Fil-fatt wara l-manuvra tal-imputata il-parte civile tnat bezghet li minghajr ma gabret il-mobajl telqet tigri 'l gewwa ghas-sigurt'a tad-dar taghha ccempel il-Pulizija. Fl-istess hin ix-xhud Doris Scerri tghid li x'hin semghet dan kollu jsehh fuq il-mobajl u nqatghet il-linja hija nkwetat ghal dak li seta' gara lill-habiba taghha tant li marret tigri ghand il-parte civile. Il-Qorti ghalhekk tqis li din l-akkuza fil-konfront tal-imputata ghal dik li hija l-parte civile Frances Mizzi giet sufficjentement pruvata.

Illi dwar din l-akkuza kif migjuba fil-kontront tal-imputata fir-rigward ta' Noel Mizzi din bl-ebda mod ma giet issustanzjata bi provi fl-atti w'ghaldaqstant ma gietx sufficjentement pruvata.

e) Illi s-sitt akkuza fil-konfront tal-imputata kif migjuba ai termini tal-artikolu 338 (ee) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta ma giet bl-ebda mod issustanzjata f'dawn l-atti w'ghaldaqstant il-Qorti ser tghaddi sabiex tillibera l-imputata mill-istess.

**Decizjoni**

Illi ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti din il-Qorti tqis li t-tielet u l-hames imputazzjonijiet kif migjuba fil-konfront tal-imputata Florence Garzia gew sodisfacjentement pruvati filwaqt li ma tqisx bhala sodisfacjentement pruvati l-ewwel, it-tieni, r-raba' u s-sitt imputazzjonijiet migjuba kontra taghha.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed tinstab hatja l-imputata, il-fedina penali netta taghha, ic-cirkustanzi tal-kaz fosthom ukoll l-impjieg tal-imputata.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-artikoli 183, 184, 189, 338 (1) (e), 251 B (1), 338 (ee), 17, 383, 412 (c) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta ssib lill-imputata hatja tat-tielet u l-hames imputazzjoni filwaqt li tilliberaha mill-ewwel, it-tieni, ir-raba' u s-sitt imputazzjoni u tghaddi sabiex tillberaha bil-kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor ghall-perjodu ta' tliet snin mil-lum ai termini tal-Artikolu 22(1) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta. Ai termini tal-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta tikkundanna wkoll lill-imputata thallas lir-Registratur tal-Qrati is-somma ta' hames mija u tlieta u tletin Euro u tnejn u erbghin centezmu (€533.42) rapprezentanti spejjez tal-esperti fil-kawza.

Stante l-kundizzjoni mposta fuq l-imputata ai termini tal-artikolu 22 (1) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti ma tqisx in-necessita' li tigi mposta wkoll xi tip ta' garanzija fuq l-imputata.

Il-Qorti tirrakkomanda li din id-decizjoni fil-konfront tal-imputata ma ghandha bl-ebda mod taffettwa l-impjieg tal-imputata anki ghaliex il-fatti tal-kaz huma kompletament estranei ghall-istess impjieg.

Il-Qorti ai termini tal-artikolu 22(3) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta spjegat lill-hatja fi kliem car, kemm ir-responsabbilta' taghha u x'jigri f'kaz li hi tikkommetti reat iehor matul il-perjodu ta' tlett snin.

(ft.) Dr. Joanne Vella Cuschieri
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

D/Registratur